MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 110/2008/1

**A sive BC**
**vs**
**DC**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-23 ta' April 2013 li permezz tieghu ghamlet referenza ghall-artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u talbet li jinghataw decizjonijiet fuq dak li skont l-attrici ma giex deciz fis-sentenza tad-9 ta' April 2013 fl-ismijiet premessi.

Rat ir-risposta tal-konvenut tal-14 ta' Mejju 2013 li permezz taghha qed jopponi ghal din it-talba peress li jsostni li ma hemm xejn li ma giex deciz.

Rat l-artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi:-

**235.** *Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell ab omissa decisione:*

*Iżda, kull waħda mill-partijiet tista’, fiż-żmien ta’ ħmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta’ rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta’ dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba; f’dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni: jew b’rikors ġuramentat f’kull żmien li jkun.*

*Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista’, f’kull żmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta’ rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża*.

Semghat lill-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta’ Gunju 2013.

Rat in-nota ta’ sottomissjonjiet tal-attrici tat-12 ta’ Lulju 2013 u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut tal-1 ta’ Awwissu 2013.

Ikkunsidrat;

**L-Ewwel Aggravju.**

Fl-ewwel aggravju taghha l-attrici tikkontendi illi hemm numru ta’ mobbli li huma taghha ghax parafernali u li ma inghatax provvediment dwarhom fis-sentenza tad-9 ta’ April 2013.

Dan l-aggravju ma hux fondat.

Fis-sentenza tad-9 ta’ April 2013 jinghad hekk:-

“Tilqa’ t-tmien eccezzjoni stante li ma rrizultawx beni parafernali appartenenti lill-attrici.”.

Jekk il-Qorti ma kinitx gustifikata tasal ghal din il-konkluzzjoni hija kwistjoni kompletament diversa minn dik li ghandha quddiemha din il-Qorti.

Ghalhekk il-pretensjoni tal-attrici rikorrenti illi fis-sentenza citata ma inghatax provvediment dwar it-talba attrici sabiex tigi assenjata beni allegatament parafernali mhijiex fondata u qed tigi respinta.

**It-Tieni Aggravju**.

Fit-tieni aggravju taghha l-attrici tikkontendi li l-Qorti naqset meta ma pprovditx dwar il-pretensjoni taghha li l-konvenut ihallasha s-somma ta' € 616.92 danni li l-attrici tallega li l-konvenut ikkaguna fuq vettura li tappartjeni lill-ohtha.

Appena huwa necessarju jinghad li tali pretensjonijiet hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu oht l-attrici mhijiex parti f'din il-kawza u konsegwentement kwalunkwe pretensjoni li ghandha oht l-attrici kontra l-konvenut kellha tigi ventilate minnha fi proceduri distinti minn dawk decizi bis-sentenza citata. Ma kien hemm l-ebda talba attrici f'dan is-sens u ghalhekk ma kien hemm l-ebda talba fir-rigward x'tigi akkolta jew respinta.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi dikjarat bhala infondat u qed jigi respint.

**It-Tielet Aggravju**.

Fit-tielet aggravju taghha l-attrici tikkontendi li l-Qorti naqset milli tassenja lill-attrici nofs il-valur tal-vettura Kia Mentor numru CJS-022.

F'dan ir-rigward jirrizulta li l-attrici ghandha ragun. Fis-sentenza jinghad hekk:-

"Dwar il-valur tal-vettura Kia Mentor numru CJS-022 il-Qorti qeghda tinnomina a spejjez tal-konvenut lill-Espert

Gudizzjarju Joseph Zammit u tinkarigah sabiex fil-presenza taz-zewg partijiet jezamina il-vettura de quo u jaghti stima bil-miktub tal-valur taghha.”. Fid-decide pero’ m’hemmx li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nofs il-valur hekk stabbilit.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tipprovdi fir-rigward aktar ‘il quddiem.

**Ir-Raba Aggravju**.

Fir-raba aggravju taghha l-attrici tikkontendi li l-konvenut kien irceva € 900 ghal wreck tal-vettura Fiat 600 CJV-019 u li ghalhekk il-Qorti naqset milli tassenjala is-somma ta’ € 450.00.

Dan l-aggravju jirrizulta li huwa wkoll infondat.

Mill-atti jirrizulta illi l-konvenut ma thallasx is-somma ta’ € 900.[1] Din ic-cifra tidher bhala l-valur li inghata mis-*surveyors* tal-insurance lil *wreck* tal-vettura u ghalhekk il-Qorti ma setghatx tassenja nofs l-ammont lill-attrici. Fi kwalunkwe kaz, il-pretensjoni tal-attrici ma tikwalifikax bhala talba mhux deciza ai termini tal-artikolu 235 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi dikjarat bhala infondat u ghalhekk qed jigi respint.

**Il-Hames Aggravju**.

Fil-hames aggravju taghha l-attrici issostni illi is-somma li hija kienet zbankat mill-Valletta Management Fund kienet ta’ € 4,757.99 u mhux ta’ € 5,948.96. Tikkontendi ghalhekk illi l-konteggi li ghamlet il-Qorti ghall-finijiet ta’ ekwiparazzjoni huma skorretti.

Anke hawn jirrizulta li dan l-aggravju mhux fondat.

[1] Ara x-xhieda tas-Sur Paul Sciberras, rapprezentant ta’ GasanMamo Insurance li xhed fis-seduta quddiem il-perit legal ital-25 ta’ Gunju 2009.

Mill-atti jirrizulta illi l-attrici kienet zbankat ic-cifra ta' 4,757.99 izda dawn ma kienx ewro izda liri sterlini u konsegwentement ic-cifra ta' €5,948.96 hija korretta.

Ghaldaqtant dan l-aggavju qed jigi dikjarat bhala infondat u respint.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames talbiet tar-rikorrenti, tilqa' t-tielet talba, tiddikjara illi fis-sentenza fuq imsemmija thalliet barra t-talba tal-attrici sabiex tiehu nofs il-valur tal-vettura Kia Mentor CJS-022 u ghalhekk b'applikazzjnoi tal-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici nofs il-valur tal-vettura Kia Mentor CJS-022 kif ser jigi stabbilit mill-Espert tal-Qorti s-Sur Joseph Zammit.

L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------